# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU WIEĦED U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju, 2003 fit-3.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | erba' (4) | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Egħluq tax-Xatt.
(4) Approvazzjoni ta' Accountant.
(5) Sotto Kumitati.
(6) Proġetti Euro Med.
(7) Vot ta' Flus - Sotto Kumitati.
(8) Servizz lill-Anzjani (BOV).
(9) Ġemellaġġ ma' Cassino - Italja.
(10) Rapport dwar Attivitajiet.
(11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

<u>Sospensjoni tar-Regolamenti</u>

Hekk kif bdiet il-laqgħa tal-Kunsill Lokali, s-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti biex iressaq mozzjoni ħalli l-laqgħa tal-Kunsill tiġi rekordjata kif ukoll kull laqgħat oħra tal-Kunsill li jsiru min issa l-quddiem skond l-Ordnijiet Permanenti (Skeda Sitta 14A/9).

Billi ma' kienx hemm oġġezzjoni għal din is-sospensjoni tar-regolamenti, l-Kunsillier Reno Chircop issekonda l-mozzjoni tas-Sindku Joseph Casha.

Din il-mozzjoni ġiet approvata nem. con.

## 21 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

21.(1).1 Is-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ippropona biex il-minuti tal-laqgħa numru 20 li nżammet nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju, 2003 jiġu approvati kif ppreżentati.

20(1).2 Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet jekk kienx hemm tweġiba għall-ittra tal-Kunsill lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar klarfika personali tal-vot meħud u dwar mozzjonijiet mhux approvati għall-korrezzjoni tal-Minuti (kopji ta' dawn l-ittri mehmuża).

20(1).3 Is-Sindku Joseph Casha wieġeb li għalkemm kien hemm tweġiba (04/0881/03/03/I) min-naħa ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali din kienet biss interpretazzjoni u mhux x'tgħid il-liġi tal-Kunsilli Lokali. Ma' kien hemm l-ebda tweġiba min-naħa tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

20(1).4 Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma' kienitx qed taqbel li dawn il-Minuti jiġu approvati sakemm ma' jkunx hemm tweġiba finali għall-ittra li l-Kunsill bagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u talbet biex tressaq mozzjoni f'dan ir-rigward. Billi ma' kienx hemm min jissekondaha l-mozzjoni waqgħet.

20(1).5 Is-sindku Joseph Casha stqarr li minħabba li hemm xogħol tal-Kunsill u pagamenti pendenti xi jsiru u deċiżjonijiet importanti x'jiġu mplimentati ma' jistgħax Iħalli li l-minuti tal-laqgħat Numri 18, 19 u 20 milli jiġu approvati għal żmien indefinit.

20(1).6 Għaldaqstant is-Sindku stqarr li ħassu fl-obbligu li jressaq il-Minuti tal-20 laqgħa tal-Kunsill għall-approvazzjoni kif ippreżentati. Min-naħa l-oħra hekk kif d-Dipaartiment tal-Kunsilli Lokali jgħarraf lill-Kunsill x'inhija l-proċedura legali attwali skond il-Liġi tal-Kunsilli Lokali, allura l-Kunsillier Charmaine Geraada tkun tista' tibbaża r-remedji tat-talbiet tagħha jekk ikun il-każ. Is-Sindku qal li separati mill-Minuti se jkun hemm l-Emendi tal-korrezzjonijiet li ppreżentat b'mozzjoni l-Kunsillier Charmaine Gerada.

20(1).7 Il-Minuti ġew approvati b'erba' voti favur u wieħed kontra.
Iva : Is-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillieri Maario Mizzi u Reno Chircop.
Le : Il-Kunsillier Charmaine Gerada.

20(1).8 Is-Sindku Joseph Casha ressaq il-Minuti tal-laqgħat numri 18 u 19 għall-approvazzjoni.

20(1).9 Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi ppropona li l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill numri 18 u 19 jiġu approvaati kif emendati u riflessi fil-Minuti tal-laqgħa numru 20 li għadhom kif ġew approvati.

20(1).10 Dawn il-Minuti ġew approvati b'erba' voti favur u wieħed kontra.
Iva : Is-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillieri Maario Mizzi u Reno Chircop.
Le : Il-Kunsillier Charmaine Gerada.

## 21 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif ta' l-attivitajiet u tax-xogħol li seħħ u li hemm bżonn li jsir.

*20.(2).1 Seminar Malta Tourism Authority ( 23 / 06 / 2003 )*

Is-Sindku attenda seminar imtella mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu f'St. James Cavalier fejn huwa kkumenta dwar dak li jist' jsir fil-lokal u dwar il-problemi lokali li jolqtu t-turiżmu. Kif ukoll ressaq proposti biex jiġu organiżżati attivitajiet turistiċi fil-Gardjola u kif jista jiġi żviluppat St. Michael's Press flimkien maa' l-Awtorita Maltija għat-Turiżmu.

*20.(2).2 Seminar "Jum Dinji Kontra d-Droga" ( 23 / 05 / 2003 )*

Il-Kunsillier Reno Chircop attenda għal laqgħa preparatorja fil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li bi ħsiebu jtella' programm ta' attivitajiet bejn l-20 u s-27 ta' Ġunju, 2003.

*20.(2).3 Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori ( 25 / 05 / 2003 )*

Din l-għaqda organiżżat laqgħa ġenerali għall-membri tagħha u li saret fis-Sala tal-Kunsill. F'din il-laqgħa ġew diskussi suġġerimenti u emendi għall-ftehim li Grand Harbour Marina Ltd qed tipproponi dwar l-ankraġġ tad-dgħajjes ta' din l-għaqda fuq in-naħa ta' l-Isla.

Is-Sindku Joseph Casha kien preżenti għal din il-laqgħa.

*20.(2).4 Kwotazzjoni għal Accountant għall-Kunsill Lokali ( 27 / 05 / 2003 )*

Kif kien deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill (Numru 20) il-Kunsill iltaqa' ma' Mrs Romina Perici Ferrante, Ruben Buttigieg u Stephen McCarthy l-aktar tlett offerti vantaġġjużi mis-seba li ntefgħu. ( Ref. Minuta 21 (4) )

L-Għan ta' din il-laqgħa kienet biex il-Kunsill ikollu aktar tagħrif dwar il-ħidma li dawn kienu qed joffru li jagħtu għall-kwotazzjoni mitfugħa minnhom. (Minuti tal-laqgħa mehmuża)

*20.(2).5 Seminar Education for "Democratic Citizeship" ( 30 / 05 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Sinjorina Vanessa Caruana attendew għal dan is-seminar li ġie mtella' mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fil-Lukanda San Ġorġ. Kienet esperjenza ġdida fejn ġie mtgħarraf x'qed isir biex l-edukazzjoni fl-iskejjel tkun Iżjed mifruxa u demokratiżżata.

*20.(2).6 Żjara Anzjani - Kunsill Lokali Qala' ( 02 / 06 / 2003 )*

Il-Kunsill ospita' għall-kafe grupp ta' anzjani mill-Qala li kienu fuq żjara fl-Isla organiżżata mill-Kunsill Lokali tal-Qala'.

*20.(2).7 Laqgħa mal-Marinna Group Ltd ( 02 / 06 / 2003 )*

Is-Sindku Joe Casha kien preżenti bħala osservatur għal laqgħa li l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori għamlet mal-Marina Group Ltd dwar ir-riżoluzzjonijiet tal-Membri. Is-Sindku saħaq li kull ftehim irid finalment ikun konfermat u approvat mill-Kunsill Lokali.

*20.(2).8 Aġenzija Aċċess ( 03 / 06 / 2003)*

Is-Sindku kellhu laqgħa mas-Sur Joe Gerada u ma' Ms Catherine Fleri Soleri dwar kif jistgħu jintlaħqu persuni bi bżonnijiet speċjali u anzjani li ftit joħorġu mid-dar. Il-Kunsill jistta' jgħin biex jinstabu persuni biex jitħarrġu dwar dan ix-xogħol ma' l-Aġenzija Aċċess.

*20.(2).9 Enemalta - Street Lighting Devolution ( 03 / 06 / 2003)*

Is-Sindku kien preżenti għal-laqgħa li saret ma' din il-Korporazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-devoluzzjoni. Ġie stabbilit li l-Kunsill jibgħat il-prijoritajiet tax-xogħol li meħtieġ li jsir f'dawk li huma isolators fil-lokal.

*20.(2).10 Żjara mis-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici ( 04 / 06 / 2003)*

Fuq talba tiegħu stess is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici żar il-Kunsill fejn ġie milqugħ mill-Kunsillieri jkollha.

Din kienet laqgħa kordjali ħafna u fit-tul, fejn is-Segretarju Paarlamentari ġie mgħarraf bis-sitwazzjoni tal-Kunsill fil-lokal.

Għalkemm id-diskussjoni kienet fuq linja ġenerali il-Kunsill ressaq il-punti tiegħu skond l-aġenda (kopja mehmuża)) li kienet intbagħtet lis-Segretarju Parlamentari minn qabel.

Is-Segretarju Parlamentari informa lill-Kunsill li aktar tard ser jara l-file tal-Kunsill biex jinfetħu d-diskussjonijiet aktar fid-dettal.

*20.(2).11 Skema għal Xogħol fil-Kommunita mill- ETC (CWS - (09/06/2003)*

- Saret laqgħa għall-erba' ħaddiema taħt din l-iskema dwar l-obbligi li dawn il-ħaddiema iridu jwettqu taħt din l-iskema u osservanza tal-ħinijiet tax-xogħol.
- Is-Sindku Joseph Casha l-Viċl Sindku Walter ahar u s-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti għal din il-laqgħa. (Kopja tal-minuti mehmuża).
- Mehmuż ukoll kopja tta' l-ittra (04/0910/03/I) li Outlook Coop bgħatet lill-Kunsill dwar dan is-suġġett.

*20.(2).12 Kumitat Finanzi ( 09 / 06 / 2003)*

Il-Membri ta' dan il-Kumitat li huma Joseph Casha - s-Sindku, Charmaine Gerada - Kunsillier u Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv flew ir-rapport tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kif ukoll approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 14, 994.31 biex jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Mehmuża kopja tal-Minuti tal-Kumitat tal-finanzi.

*20.(2).13 Kuntratt ta' Xogħol ta' Toroq mad-Dipartiment tat-Toroq ( 10 / 06 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha għamel kuntatt mal-Perit Lino Zammit, Direttur taad-Dipaartiment tat-Toroq. Is-Sindku ġie nfurmat li l-kuntratt ta' xogħol qed jiġi finaliżżat min-Nutar. Is-Sindku nforma lill-Perit Lino Zammit li x-xogħol propost irid isir fi żmien sena u disa' xhur iż-żmien li fadallu l-Kunsill biex itemm il-kariga tiegħu.

*20.(2).14 Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatt ma' Joe Poggi dwar it-talbiet tal-Kunsill dwar ix-xogħol li jrid isir fi Triq San Pietru u San Pawl u dwar il-flus li huma dovuti lill-Kunsill u dwar xogħol li jrid jitwettaq fi Triq San Ġużepp.

*20.(2).15 Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru*

Fuq talba li kienet saret mill-Kunsill, qed jissewew il-ħsarat li hemm fis-saqaf f'dan l-uffiċċju kif ukoll alterazzjonijiet ta' ħitan biex dan il-post jiġl rijabilitat biex isir bħala Librerija Pubblika u Internet Access Point taħt l-iskema ta' l-EGovernment. Dan ix-xogħol qed jitwettaq mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

*20.(2).16 Ħinijiet ta' l-Uffiċċju fis-Sajf / Job Descripton*

Ġew ppreżentati l-Ħinijiet tal-ftuħ ta' l-Uffiċċju matul ix-xhur tas-Sajf mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru, 2003 kif ukoll tħejjew il-Job Descriptions ta' l-Istaff preżenti tal-Kunsill. (Kopja mehmuża)

*20.(2).17 Fustuni mal-promenade fl-Isla*

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-ħidma li qed isir dwar il-preparamenti biex jiġi imtella' fustuni tad-dawl mal-promenade fl-Isla għal matul ix-xhur tas-Sajf.

*20.(2).18 Anzjana mwielda l-Isla tagħlaq 104 snin*

Il-Kunsill għandhu jistħarreġ f'liema sala fir-Residenza San Vinċenz de Paule tinsab din l-anzjana sabiex ssirilha żjara ta' korteżija.

*20.(2).19* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn id-19 ta' Mejju sas-6 ta' Ġunju 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0808/03/I Stedina mill-Għaqda tal-Konsumaturi*

Il-Kunsill laqa' l-istedina ta' l-Għadqa biex jorganiżża laqgħa ta' diskussjoni fis-Sala tal-Kunsill dwar il-protezzjoni u l-Edukazzjoni tal-Konsumatur.

*04/0812/03/I Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Rose Lee Caruana Smith biex torganiżża festin għat-tifla tagħha (preċett) fis-Sala tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju, 2003.

*04/0813/03/I Materjal għall-grawnd tal-Futbol*

Il-Kunsill approva t-talba mis-Senglea Youngsters biex il-Kunsill jipprovdi materjal bħal cement u ramel biex jirrinnġaw dan il-futbol grawnd għat-tournament li ser jorganiżżaw.

*04/0816/03/I Użu ta' Ġnien il-Gardjola*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Joseph Gerada biex jorganiżża festin għat-tifla tiegħu fi Ġnien il-Gardjola fl-okkażjoni tal-preċett, nhar il-Ħadd 15 ta' Ġunju, 2003.

*04/0857/03/I Ittra mill-Viċi Sindku Walter Ahar*

Il-Viċi Sindku Walter Ahar ta tagħrif dwar ix-xogħol li qed iwettaq f'dak li hu indafa fil-lokal u dwar kif qed jitħaddmu l-ħaddiema taħt l-iskema " Xogħol fil-Kommunita" bl-għajnuna tal-Korporazzjoni għall-Impjieg u t-Taħriġ. Huwa talab li jekk il-Kunsill mhux sodisfatt bil-ħidma tiegħu favur l-Ambjent huwa lest li jitlaq din il-kariga għall-ħaddieħor.

*04/0/03/I Radju Tlett Ibliet (99.4 FM)*

Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-istedina biex minn żmien għal żmien jieħu sehem fi programmi li jkun qed itellgħa dan ir-Raadju fejn ikunu x'jaqsmu mal-Kottonera u l-ħidma tal-Kunsill.

*04/0875/03/I* *Verifikazzjoni ta' Loading / Unloading Bays Memo 11/2003 Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsill ser jieħu ħseib biex jinforma lill-Awtorita tat-Trasport dwar verifikazzjoni ta' Un/Loading u Reserved Parking Bays fil-lokal.

*04/0876/03/I* *Garage fi Triq San Mikiel*

Il-Kunsill qed jistħarreġ it-talba ta' dan ir-resident biex 32 u 34 jitqiesu bħala garages u allura għandhu d-dritt li jkollu no parking lines quddiemhom.

*04/0905/03/I* *Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki*

Il-Kunsill ġie nfurmat bi stedina mill-Assoċjazzjoni ttal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki li għandha ssir nhar il-Ġimgħa 13 u s-Sibt 14 ta' Ġunju, 2003 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

*04/0906/03/I* *Talba minn Resident fi Triq San Pietru u San Pawl*

Il-Kunsill qabel li talba tar-resident Charles Caruana ta' BLK 4, No. 14, Triq San Pietru u San Pawl tiġi aċċettata biex flok l-elbow li għandhu jsir gulley.

*04/0922/03/I* *Jum Dinji Kontra d-Droga*

Il-Kunsill qed jipparteċipa f'dan is-Seminar li qed jittella' mill-Kunsill Lokali ta' Marsascala nhar is-27 ta' Ġunju, 2003.

Il-Kunsill bi ħsiebu jagħmel kuntatti mal-Kap ta' l-Iskola u l-Arċipriet biex ikkunu nvoluti dan il-programm.

*04/0933/03/I* *Stallazzjoni ta' Antenna fuq il-Knisja San Filippu*

Il-Kunsill qabel li jpoġġi fuq in-Notice Board tal-Kunsill l-kundizzjonijiet mitluba mill-Malta Environment and Planning Authority li għandhom isiru mill-applikant.

*04/0936/03/I* *Nuqqas ta' Iġene fi Triq San Pietru u San Pawl*

Il-Kunsill qed jistħarreġ ilment imressaq minn resident kontra Paul Vassallo ta' 23 Triq san Pietru u san Pawl minħabba l-Iġene u nuqqas ta' saħħa li qed jikkawża flinħawi minħabba li qed irabbi annimali fil-post. Il-Każ qiegħed jiġi referut lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

*04/0952/03/I* *Żjara minn residenti Żwieten fl-okkażjoni ta' "Jum il-Missier"*

Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kunsill Lokali biex jorganiżżaw żjara minn ressidenti Żwieten fil-Kunsill Lokali ta' l-Isla nhar il-Ħamis 12 tta' Ġunju, 2003 bħala attivita' mtella' mill-Kunsill Lokali Żejtun fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.

*04/0954/03/I* *Rampa ħdejn il-Knisja Parrokjali*

Il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera approva r-rampa għal persuni b'diżabilita ħdejn il-Knisja. Dan ix-xogħol sser jitwettaq mill-ħaddiema tar-Restoration Unit.

*04/0956/03/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba taas-Sinjura Anna Micallef biex torganiżża festin għat-tifla tagħha fis-Sala tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju, 2003 għall-okkażjoni tal-preċett.

*04/0960/03/I* *Mħażen fix-Xatt*

Il-Kunsill ġie mgħarraf li ċ-ċwievet ta' dawn l-imħażen għandhom m'għaddewx lura għand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Propjeta tal-Gvern. Il-proċeduri għadhom għaddejin.

*04/0944/03/I* *Kompetizzjoni mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu*

Il-Kunsill huwa ttal-fehma li jista' jieħu sehem fil-kategorija 1-5 ddwar kompetizzjoni li l-Awtorita Maltija għat-Turiżmu sser torganiżża dwar attivitajiet turistiċi fil-lokal.

*04/0946/03/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Phyllis Xuereb biex torganiżża festin fl-okkażjoni tal-preċett tat-tat-tifla tagħha, fis-Sala tal-Kunsill nhar is-Sibt 28 ta' Ġunju, 2003.

*04/0963/03/I* *Website tal-Kunsill*

Il-Kunsill ser jibgħat lill-kuntrattur il-materjal li jonqos dwar il-website tal-Kunsill.

Is-Sindku ppreżenta quddiem il-Kunsill kopji ta' żewġ ittri. Ittra ta' ringrazzjament mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dolores Cristina talli bagħtna nifirħulha għall-ħatra tagħha u ittra minn Leon Promotions dwar programm ta' entertainment fid-9 ta' Mejju, 2003.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada talbet lis-Sindku biex taqra l-ittra. Hija qalet li qatt ma' rat din l-ittra. Is-Sindku qal li din hija reġistrata bħall-korrispondenza l-oħra.

## 21 (3) Egħluq tax-Xatt

Qabel il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-egħluq tax-Xatt fix-xhur tas-sajf, is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar ddikjaraw kunflitt ta' nteress u talbu li jeżentaw ruħhom billi ma' jkunux preżenti waqt id-diskussjoni ta' dan l-item fuq l-Aġenda.

*20.(3).1* Dan ġie aċċettat.

*20.(3).2* Wara diskussjoni qasira t-tlett Kunsillieri preżenti qablu li l-egħluq tax-Xatt isir fuq l-istess bażi li saret is-sena ta' qabel. Dan ser iseħħ b'effett mill-1 ta''' Lulju, 2003 u jibqa jseħħ sat-30 ta' Settembru, 2003.

Għalhekk it-traffiku fix-Xatt bejn is-7.30pm u l-11.00pm kuljum jiġi dirett <u>One Way</u> bid-dħul mill-Mina tal-Maċina u ħruġ minn ħdejn J. B. Azopardo.

*20.(3).3* Għandhom jiġu avżati l-Pulizija u l-Gwardjani Lokali.

Il-ħinijiet tal-Gwardjani Lokali għandhom ikunu :

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa | 1 hr fil-għaxija |
| Is-Sibt | 2 hrs fil-għaxija |
| Il-Ħadd | 2 hrs fil-għaxija. |

## 21 (4) Approvazzjoni ta' Accountant

Il-Kunsill iddiskuta t-tagħrif mitlub waqt l-interviews li saru mat-tlett tenders li ġew short listed (ref. Minuta 21 (2) 4).

*20.(4).1* Abażi tas-sigħat li ġew proposti separatament mit-tlett tenders, il-Kunsill kien ta' l-opinjoni li l-aktar waħda vantaġġjuża kienet dik ta' Romina Perici Ferrante li kienet qed tipproponi li n-numru ta' sigħat fix-xogħol ma' jkunx aktar minn 15 il-sigħa fix-xahar.

*20.(4).2* Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi ppropona li Romina Perici Ferraante tiġl approvata bħala Accountant tal-Kunsill b'effett mill-1 ta' April, 2003 sal-31 ta' Marzu 2004.

*20.(4).3* Din il-mozzjoni ġiet approvata 4 favur u 1 astensjoni.
Iva : J. Casha, W. Ahar, M. Mizzi u R. Chircop
Astensjoni: C. Gerada

## 21 (5) Sotto Kumitati ( 04/0853/03/I)

*21.(5).1* Il-Kunsillier Charmaine Gerada kitbet lill-Kunsill biex terġa tieħu s-Sotto Kumitat li kellha qabel. ( Ref. 04/0853/03/I )

*21.(5).2* Is-Sindku stqarr li minħabba li s-Sotto Kumitat għall-Edukazzjoni u Kultura ilu jiffunzjona għal dawn l-aħħar disa' xhur mhux etiku u mhux prattikabbli li jerġa jingħata lill-Kunsillier Charmaine Gerada.

Pero s-Sindku kien lest li joffri li tifforma Sotto Kumitat b'doveri għal proġetti lokali, Infrastruttura u Informazzjoni lokali.

*21.(5).3* *Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni*

Dan is-Sotto Kumitat qed jaħdem fuq il-proġett ta' Summer Club li jevolvi f'diversi programmi edukattivi, kulturali u kors dwar illitteriżmu. Il-preparamenti għal dan is-Summer Club jinsabu avvanzati ħafna.

L-eżekuzzjoni u l-proġettazzjoni ta' dan il-proġett qed ikun fdat f'idejn Vanessa Caruana. Il-Kunsill qabel li r-reġistrazzjoni għal dan is-Summer Club tkun ta' Lm 2.00 kull persuna.

Ġie propost li ssir talba għal sponsorship lill-HSBC plc.

*21.(5).4* *Kor tal-Kompjuters fil-Kunsill*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mad-diriġenti tal-Kumpanija TCTC ( wara li kienu kitbu lill-Kunsill 04/0842/03/I ) fejn ġie propost programm ta' taħriġ fil-Komputer fil-Bini tal-Kunsill.

Il-Kumpanija TCTC offriet li ttellgħa seminar ta' saagħtejn għall-ġenituri fuq Internet Parental Contro li juri kif tista tipproteġl lit-tfal mill-użu ħażin ta' l-internet.

Il-Kumpanija TCTC bi ħsiebha tieħu ħsieb il-promotion ta' dan il-kors li ser jittella' f'isem il-Kunsill. Fl-Iskola Dom Mauro Inguanez ser jitqassmu formoli bħala PR kif ukoll sejrin jintbagħtu 1, 300 flyer maħsuba apposta mill-Kumpanija TCTC.

Dan il-kors huwa ppjanat li jsir bejn Lulju u Awissu 2003 fis-Sala tal-Kunsill.

## 21 (6) Proġett Euromed

Qed isir stħarriġ dwar dawk il-proġett li l-Kunsill jista' jieħu sehem fihom taħt dan il-programm kif ukoll kif jistgħu jinkisbu finanzi biex isir proġett fil-lokal.

F'kull pjan jew proġett għandha tittieħed kunsiderazzjoni tal-closing date tal-proġetti li l-Kunsill ikun ser jibbenefika fuqu.

## 21 (7) Vot ta' Flus - Sotto Kumitati

*21.(7).1* Ġie ssuġġerit biex kull Sotto Kumitat ikollu approvat vot ta' flus biex imexxi l-ħidma tiegħu. Minħabba kwistjoni ta' ppjanar fejn il-budget 2003/2004 diġa tħejja u qed jiġi attwat huwa ftit tard li wieħed jaħdem fuq voti ta' flus għas-Sotto Kumitati.

*21.(7).2* Għalhekk il-Kunsill qabel li għal din is-sena jitħalla kollox kif inhu iżda din il-proposta tista tiġi kkunsidrata fil-Budget li jmiss għas-sena finanzjarja 2004/2005.

## 21 (8) Servizz lill-Anzjani (BOV)

Minn stħarriġ li għamel il-Kunsill jidher li ftit anzjani qed jużaw dan is-servizz li qed joffri l-Kunsill kull nhar ta' Sibt fil-għodu.

*21.(8).1* Mill-istess stħarriġ ħareġ li l-ġurnata tal-Ħamis tkun aħjar. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dan is-servizz isir kull nhar ta' Ħamis u jiġi estiż għal xahar b'effett mill-1 ta' Lulju, 2003.

*21.(8).2* Dan għandu jiġi reklamat fin-Notice Boards tal-Kunsill.

## 21 (9) Ġemellaġġ ma' Cassino - Italja

Il-Kunsill qabel li ssir żjara bejn l-10 u s-16 ta' Lulju, 2003 f'Cassino biex jiġi finalizzat dan il-ġemellaġġ iż-żjara.

*21.(9).1* Il-Kunsill qed jaħdem fuq żewġ proposti edukattivi u kulturali biex jibda jseħħ dan il-ġemellaġġ.

*21.(9).2* Il-Band Winter Moods magħmula minn ċittadini mill-Isla ser takkumpanja lid-delegazzjoni tal-Kunsill f'Cassino fejn ser tagħti wirjiet f'din il-belt Taljana.

## 21 (10) Rapport dwar Attivitajiet

Dan ir-rapport ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

## 21 (11) Approvazzjoni u l-iffirmaar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti tal-Kunsill għall-ammont ta' Lm 14, 994.31ċ kif kien approvat mill-Kumitat tal-Finanzi (Ref. Minuta 20 (2) 12).

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-7.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |